# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 425/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Carol Fabri)

vs

**Joseph Mifsud**

iben Anthony, imwieled Birkirkara, fid-19 ta’ Lulju, 1955, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 503455(M)

Illum, 23 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Mifsud quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fl-4 ta’ Lulju, 2012 għal ħabta tad-disgħa neqsin għoxrin ta’ fil-għaxija:

1. ġewwa Ta’ Paris, Birkirkara, ikkommetta ħsara volontarja fuq vettura ta’ l-għamla Toyota Hilux bin-numru tar-reġistrazzjoni KRN307 għad-dannu ta’ Clinton Mifsud minn Birkirkara, liema ħsara tammonta għal valur ta’ €878.06;

2. ikkaġuna feriti ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Maria Elena Mifsud skont kif iċċertifikat minn Dr. L. Gatt miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta;
3. ħebb għal Maria Elena Mifsud, Clinton Mifsud u Tiziana Mifsud sabiex jinġurjahom, idejjaqhom jew jagħmlilhom ħsara;
4. qal kliem indiċenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f’dagħa fil-pubbliku;
5. volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b’għajjat u ġlied;
6. bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil Maria Elena Mifsud, Clinton Mifsud u Tiziana Mifsud biża’ li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta’ tagħhom;
7. hedded lil Clinton Mifsud b’xi delitt li flimkien mat-theddid kien hemm ordni jew kundizzjoni;
8. sar reċidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi l-Qorti intalbet ukoll mill-prosekuzzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurta’ ta’ Maria Elena Mifsud, Clinton Mifsud u Tiziana Mifsud billi jiġu applikati l-provvedimenti ta’ l-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta’ Ottubru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 221(1), 249(2), 251B(1), 325(b), 338(bb), 339(dd) u 342 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat ħati ta’ l-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tal-ħames u tas-seba’ akkużi, u ikkundannatu sitt xhur priġunerija effettivi, fil-waqt li ma sabitux ħati tar-raba’, tas-sitt u tat-tmien akkuża u illiberatu minnhom. In oltre, ordnat li ai termini ta’ l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali l-imputat iħallas, fi żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza, l-ammont ta’ €878.06 lil ibnu Clinton Mifsud għad-danni sofferti minnu fil-vettura tiegħu, u dan skont l-istima maħruġa minn Johann Borg u eżebita fl-atti a folio 48 tal-process.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Mifsud tas-16 ta’ Ottubru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa’ dan l-appell u tbiddel, tvarja u tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija (Spettur Carol Fabri) vs. Joseph Mifsud” fit-8 t’Ottubru 2013, u dan billi:

(a) filwaqt li tikkonfermaha fejn l-esponenti ġie liberat mir-raba’, mis-sitt u mit-tmien imputazzjonijiet, tħassarha, tirrevokaha u tikkanċellaha fil-bqija tagħha, u tillibera lill-esponenti mill-imputazzjonijiet kollha rimanenti u minn kull ħtija u piena skont il-liġi;

(b) jew alternattivament u sussidjarjament għat-talba preċedenti, fl-eventwalita’ li l-istess talba ma tiġix akkolta, tirriforma u tbiddel is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fit-8 ta’ Ottubru 2013 fl-ismijiet “Il-Pulizija (Spettur Carol Fabri) vs. Joseph Mifsud” billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-esponenti ħati ta’ l-akkużi dedotti kontra tiegħu, u tħassarha f’dik il-parti fejn ġiet inflitta l-piena, u minflok timponi piena li hija aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Ill-l-ewwel aggravju tal-esponenti huwa car u manifest billi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti, stante li l-kontradizzjonijiet, konflitti u inverosimilitudini fix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni taghmel is-sejbien tal-htija tieghu 'unsafe and unsatisfactory'.

Illi hija ġurisprudenza kostanti li l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Qorti ta’ l-ewwel grad kemm-il darba jkun jidher illi dik il-Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li fil-fatt waslet għaliha. Biex ikun jista’ jsir dan l-aċċertament, l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali twettaq apprezzament approfondit tad-diskrezzjoni adoperata mill-Qorti ta’ l-ewwel istanza. Jekk minn dan l-apprezzament approfondit ikun fil-fatt jirriżulta illi l-Qorti ta’ l-ewwel grad ma kellhiex, legalment u raġjonevolment, tasal għal dik il-konklużjoni, dik tkun raġuni valida, jekk mhux ukoll impellenti, sabiex l-apprezzament magħmul fl-ewwel istanza jiġi disturbat[1].

Illi essenzjalment f’din il-kawża il-Qorti ġiet preżentata b’żewġ verżjonijiet tal-fatti kunfliġġenti, bil-konsegwenza li l-apprezzament tal-fatti kellu jiddependi neċessarjament minn eżami tal-

[1] Ara dwar dan Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et (Appell Kriminali, 12/5/1994); Ir-Repubblika ta’ Malta vs. George Azzopardi (Appell Kriminali, 14/2/1989); Il-Pulizija vs. Anthony Żammit (Appell Kriminali, 31/5/1991); Il-Pulizija vs. Louis Mallia (20/9/2013).

kredibilita' tax-xhieda li ddeponu f'dawn il-proċeduri. Il-materja tinsab indirizzata mill-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali, li jipprovdi kif ġej:

> *L-eċċezzjonijiet dwar waħda jew oħra mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

Illi din id-disposizzjoni tindika bħala kriterji ta' kredibilita' l-qies ta' l-imġieba tax-xhud, il-kondotta u l-karattru tiegħu, il-konsistenza u l-verosimilitudni tax-xiehda, u jekk dik ix-xiehda hijiex korraborata minn xiehda oħra.

Fil-kawża "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Harrington"[2], l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali għaddiet biex teżamina l-kriterji ewlenin dwar il-kredibilita' ta' xiehda, u dan abbażi ta' l-indirizz magħmul mill-Qorti Kriminali f'ġuri:

> Dik il-Qorti mbagħad kompliet biex tispjega lill-ġurati kif kellhom iqisu jekk xhud kienx kredibbli jew le (b'referenza ovvja għall-artikolu 637 tal-Kap. 9):
>
> "U l-liġi, sinjuri ġurati, tgħidilkom li meta tiġu biex taraw mela jekk xhud hux kredibbli jew le tridu tagħmlu ċertu eżerċizzju, issemmilkom ċertu guidelines, kriterji. Pero` tgħidilkom ukoll li dawn il-guidelines ma humiex il-lista kompluta, huma guidelines, imbagħad tħalli f'idejkom li tużaw moħħkom, u taraw jekk xhud hux kredibbli jew le. Tgħidilkom per

---

[2] Appell Kriminali, 28/6/2006.

eżempju l-liġi, biex taraw jekk xhud hux kredibbli jew le fl-apprezzament tiegħu, taraw x'interess għandu li qed jixhed b'ċertu mod. Taraw per eżempju l-komportament tiegħu, kif iġib ruħu waqt li qed jixhed, fil-karattru tiegħu, il-mod kif jirrispondi, fuq xi domandi, jekk hux qed ikun evażiv, jipprova jaħrab. Taraw per eżempju jekk f'dak li qed jgħid xhud għandux mis-sewwa. Tgħidu ehhe dan li qed jghid iva mis-sewwa hekk hu, jekk hux verosimili, jiġifieri. Taraw jekk hux konsistenti miegħu nnifsu, jekk hux per eżempju daqqa jgħid ħaġa u daqqa jgħid oħra, jekk hux konsistenti. Jew taraw, tgħidilkom il-liġi, jekk hemmx xi provi jew ċirkostanzi oħra li jikkontradu̇ċu dak li qed jgħid ix-xhud. Dawn huma ftit eżempji, sinjuri ġurati, pero` nista' ngħidilkom il-liġi tħallikom liberi tużaw intom moħħkom, u taraw intom xhud sa fejn iwassalkom. Il-liġi qed tgħidilkom apprezzawh ix-xhud kif jidhrilkom intom, aslu għal konklużjoni tagħkom x'sejrin temmnu minn dak li qal ix-xhud. Tistgħu temmnuh f'kollox, li jgħid, tistgħu ma temmnuh f'xejn minn dak li jgħid, tistgħu temmnu biċċa minn li jgħid u tistgħu ma temmnu xejn mill-bqija li jgħid."

F'dan kollu li qalet l-ewwel Qorti din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura. L-ispjegazzjoni u direttivi li tat lill-ġurati kienu ċari u korretti u għalhekk dan l-ilment huwa miċħud.

Illi huwa l-mertu ta' dan l-aggravju li l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza, rinfaċċjata b'inkonsistenzi, kontradizzjonijiet u inverosimilitudni fix-xiehda ta' Clinton Mifsud, Maria Elena Mifsud u Tiziana Mifsud, ma setgħetx tasal għall-konklużjoni li l-esponenti huwa ħati ta' l-akkużi miġjuba kontrih lil'hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

Illi l-verżjoni mogħtija mill-imsemmija xhieda Mifsud fil-qosor tikkonsisti f'li l-esponenti mar bil-karozza tiegħu ħdejn ir-residenza ta' ibnu Clinton Mifsud u ta' Tiziana Mifsud, fejn kien hemm anke Maria Elena Mifsud, sabiex jieħu lura l-apparat vidjografiku meħud mill-istess Clinton Mifsud mingħand l-investigatur privat inkarigat mill-esponenti. Sabiex jikkonvinċi lill-

imsemmi Clinton Mifsud jirritorna dan l-imsemmi apparat, dejjem skont ix-xhieda Mifsud, l-esponenti beda jgħajjat fit-triq, u jhedded lil ibnu li jekk mhux ħa jagħtih lura dan l-apparat, kien se jkisser il-karozza ta' l-istess Clinton Mifsud. Hekk kif ix-xhieda Mifsud niżlu fit-triq, l-esponenti aggredihom u fil-fatt ikkaġuna anke feriti ħfief fuq il-persuna ta' martu Maria Elena Mifsud.

Illi fl-umli fehma ta' l-esponenti, l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza wettqet biss eżami superfiċjali tal-verżjonijiet mogħtija mix-xhieda Mifsud, mentri eżami ta' dawn il-verżjonijiet għad-determinazzjoni tal-kredibilita' kellu jkun wieħed ferm aktar approfondit u akkurat, u dan stante li l-inkonsistenzi u l-inverosimilitudni tax-xiehda in kwistjoni tirriżulta biss fid-dettalji tagħha, u mhux fl-istampa ġenerali li l-istess xhieda Mifsud riedu jagħtu.

Illi jmiss issa li l-esponenti jindika lil dina l-Onorabbli Qorti l-inkonsistenzi fix-xiehda ta' Clinton Mifsud, Tiziana Mifsud u Maria Elena Mifsud.

Illi l-ewwel uffiċċjal tal-pulizija li wasal fuq il-post kien is-Surġent Bertly Aquilina, li xehed fl-udjenza tad-29 ta' Novembru, 2012. Huwa xehed dwar il-verżjonijiet li ġew mogħtija lilu mill-persuni nvoluti f'dan il-każ *a tempo vergine*. Mix-xiehda tas-Surġent Aquilina, jirriżulta li:

- Clinton Mifsud qal li sakemm huwa niżel isfel, sab lil missieru, ċioe' l-esponenti, jagħti fuq il-vann tiegħu;
- Maria Elena Mifsud qalet li kienet qalgħet daqqa ta' ponn f'wiċċha mingħand l-esponenti. Is-Surġent fil-fatt ikkonferma li huwa ma rax demm jew tbenġil fuq wiċċ Maria Elena Mifsud, imma ra xi ħmura;
- l-esponenti ġarrab ġrieħi minn dan l-inċident, tant li ttieħed fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana;
- l-kanna li allegatament ġiet użata mill-esponenti sabiex jagħmel il-ħsara fil-vann ta' Clinton Mifsud ġiet konsenjata lis-Surġent minn Maria Elena Mifsud, li marret iġġib l-istess kanna minn ħdejn *skip* ta' l-iskart.

Illi mill-okkorrenza redatta u eżebita mill-istess Surġent[3], jirriżultaw il-fatti hawn fuq elenkati kollha, u kif ukoll jirriżultaw is-segwenti:

- li l-kanna allegatament użata mill-esponenti kellha tul ta' 5 piedi;
- li Clinton Mifsud qal lis-Surġent Aquilina li wara li niżel fit-triq mir-residenza tiegħu u sab lil missieru qed ikissirlu l-vann, hu u missieru qabdu jiġġieldu f'xulxin.

Illi dak li ntqal lis-Surġent Aquilina huwa ta' mportanza kbira, billi intqal *a tempo vergine* ta' l-inċident, u għalhekk huwa mportanti li l-fatti rappurtati lis-Surġent Aquilina jiġu kontrastati mad-depożizzjonijiet li ġew eventwalment magħmula mix-xhieda Mifsud waqt il-kawża.

Illi Maria Elena Mifsud xehdet fid-29 ta' Novembru, 2012[4]. Waqt din id-depożizzjoni, hija qalet hekk:

- li l-esponenti beda jhedded lil ibnu li jekk mhux ħa jirritornalu l-ekwipaġġ vidjografiku kien se jkissirlu l-vann;
- li l-esponenti ħareġ il-kanna tal-ħadid mill-bagoll tal-karozza tiegħu wara li fetħu, ta żewġ daqqiet fuq il-bagoll tal-karozza tiegħu, u mbagħad beda jagħti kemm jiflaħ fuq il-vann.
- li Clinton Mifsud niżel mill-gallarija għat-triq meta ra lil missieru jibda jagħti fuq il-vann tiegħu;
- li hi, hekk kif rat lil Clinton Mifsud nieżel isfel, qabbdet lill-mart Clinton, li jisimha Tiziana, biex iċċempel l-għassa, u baqgħet nieżla dritt wara binha;
- li hekk kif niżlet isfel, sabet lil binha jissara ma' l-esponenti fl-isforz tiegħu li jieħu l-ħadida mingħand l-esponenti;
- li hi bdiet tipprova tgħin lil binha jieħu l-ħadida mingħand l-esponenti;

---

[3] A folio 62 tal-proċess.

[4] A folio 68 tal-proċess.

- li kien f'dak il-mument li l-esponenti fajjar daqqa ta' ponn fuq widnejn martu, bil-konsegwenza li hi għamlet erba' siegħat ma tismax;
- li l-esponenti heddidha li jekk mhux ħa tersaq 'l hemm, ħa jagħtiha daqqa oħra fuq il-widna l-oħra;
- li mbagħad niżlet anke Tiziana Mifsud, li bdiet tibki għax l-esponenti kien qed ikissrilhom il-vann, filwaqt li l-esponenti beda jgħajjarha;
- li f'dak il-ħin waqaf raġel li ħadd minnhom ma kien jaf, ħa l-ħadida mingħand l-esponenti u tefagħha ħdejn ċint;
- li hekk kif ġiet il-pulizija, hija marret iġġib il-kanna biex tagħtihilhom.

Illi l-premess huma l-fatti saljenti li dwarhom xehdet Maria Elena Mifsud fid-depożizzjoni prinċipali tagħha. Din id-depożizzjoni, anke weħidha, tagħti lok għal dubji kbar fir-rigward tal-kredibilita' tagħha. Dan għal żewġ inkonsistenzi prinċipali. Hija tgħid li fil-mument li qalgħet id-daqqa ta' ponn mingħand żewġha l-esponenti, hija kienet qed tassisti lil binha sabiex hu jieħu l-ħadida mingħand missieru. Testwalment, Maria Elena Mifsud tgħid hekk:

> *"Mistoqsi kif spiċċajt bil-ferita fuq dirgħajja ngħid li meta konna qed niġbdu kullħadd fuq ħdejn xulxin, jiena, it-tifel u hu l-imputat qabadni minn dirgħajja u tagħni daqqa ta' ponn"*[5]

Aktar kmieni fl-istess depożizzjoni tagħha, Maria Elena Mifsud qalet ukoll, "*Mbagħad jien ilħaqt wasalt ħdejhom u l-istess għamilt bdejt nipprova niġbed il-kanna lejna biex neħduhilu. Ir-raġel tani daqqa ta' ponn ġo widnejja...*".

Dan fil-fatt juri li skont l-istess Maria Elena Mifsud, id-daqqa ta' ponn waslet fil-ħin li hi, l-esponenti u Clinton Mifsud kienu qiegħdin jitqabdu f'xulxin. Dan il-fatt hija irrepetitu darbtejn, biex żgur ma jkunx hemm dubju li din ix-xhud hekk fil-fatt riedet tfisser.

---

[5] A folio 69 tal-proċess.

Illi l-esponenti umilment jissottometti li ma huwa xejn kredibbli li fil-waqt li huwa kien qiegħed jipprova jżomm il-pussess tal-kanna in kwistjoni, b'id waħda jaqbad lil martu minn dirgħajha, u bl-id l-oħra jfajjrilha daqqa ta' ponn f'widintha, biex imbagħad, wara dan il-moviment kollu, huwa baqa' ma tilifx il-pussess tal-ħadida sakemm ġie raġel li ħadd ma jaf li rnexxielu jeħodilu hu. Fl-istess waqt li kien qed jiġri dan kollu, wieħed irid iżomm f'moħħu li kien hemm Clinton Mifsud li kien għadu qed jissielet ma' l-esponenti għall-kontroll tal-ħadida. Minkejja li l-esponenti, raġel ta' kważi sittin sena, qed jissielet ma' ibnu li għandu tletin sena u jinsab fil-fjur ta' ħajtu sabiex iżomm il-kontroll ta' ħadida twila ħames piedi, skont Maria Elena Mifsud huwa rnexxielu juża ż-żewġ idejn tiegħu biex iżomm lil martu u biex isawwatha, u fl-istess ħin jibqa' jżomm għandu din il-ħadida.

Illi wkoll, wieħed irid jinnota hawnhekk illi din hija l-ewwel darba li Maria Elena Mifsud semmiet l-intervent ta' l-iskonoxxut li, bħas-samaritan it-tajjeb, waqaf biex fi ftit sekondi, jirnexxielu jieħu mingħand l-esponenti l-ħadida in kwistjoni, wara li l-esponenti rnexxielu jżommha għandu kontra żewġ persuni, biex imbagħad jitlaq, bla kliem u bla sliem, minn fuq il-post, u ma jidher qatt iktar. Maria Elena Mifsud naqset milli ssemmi dan il-fatt, li bla dubju kellu jkun wieħed ta' tant importanza kbira, lis-Surġent Aquilina, u dan, fl-umli fehma ta' l-esponenti, huwa ndikatur ċar li l-verżjoni mogħtija minn Maria Elena Mifsud ma hija xejn għajr fabbrikazzjoni sħiħa.

Illi jmiss issa li tiġi eżaminata d-depożizzjoni mogħtija minn Maria Elena Mifsud in kontro-eżami, waqt l-udjenza tat-12 ta' Frar, 2013. F'dik id-depożizzjoni, hija sostniet:

- li l-esponenti ħareġ il-kanna mill-bagoll tal-karozza tiegħu;
- li binha Clinton Mifsud niżel hekk kif missieru beda jagħti fuq il-vann bil-kanna;
- li meta niżlet isfel, l-esponenti kien għadu qed jagħti bil-kanna fuq il-vann;
- li żewġha u Clinton Mifsud ma ġewx fl-idejn, għalkemm Clinton Mifsud beda jipprova jieħu l-kanna minn idejn missieru;
- li ħadd ma mess lill-esponenti, u li jista' jkun li l-ħwejjeġ ta' l-esponenti tqattgħu għax intlaqat bil-kanna;

- li lis-Surġent Aquilina kienet qaltlu bir-raġel li intervjena biex jieħu l-kanna mingħand l-esponenti.

Din id-depożizzjoni in kontro-eżami tkompli żżid u tenfażizza l-inkonsistenza tax-xhud. Il-fatt li l-esponenti kien għadu qed jagħti fuq il-vann bil-ħadida meta Maria Elena Mifsud niżlet fit-triq huwa kontradett mid-depożizzjoni preċedenti ta' l-istess xhud, li qalet li meta niżlet sabet lill-esponenti u lil binha maqbudin f'xulxin, kif ukoll mix-xiehda ta' Clinton Mifsud stess, kif sejrin naraw. Huma wkoll ferm improbabbli t-tweġibiet ta' Maria Elena Mifsud dwar kif l-esponenti spiċċa bil-ħwejjeġ imqattgħin jekk kemm-il darba ħadd ma messu – ħwejjeġ ma jitqattgħux minn fuq persuna għax "jintlaqat" b'kanna, imma jitqattgħu jekk jiġu mġebbdin minn fuq il-persuna li tkun qed tilbishom b'saħħa u bi vjolenza. Apparti dan, imkien fid-depożizzjoni preċedenti tagħha ma ssemma mill-istess xhud li l-esponenti ntlaqat bil-kanna. Mhux talli hekk, talli skont il-verżjoni minnha mogħtija, wieħed għandu għax jifhem li din il-kanna kienet l-oġġett ta' tiġbid bejn il-persuni nvoluti, u għalhekk ma kienx hemm okkażjoni li xi ħadd jintlaqat bija.

Daqstant ieħor ma hijiex konvinċenti Maria Elena Mifsud meta tgħid li rrappurtat lis-Surġent Aquilina li kien hemm raġel skonoxxut li ntervjena biex jieħu l-ħadida mingħand l-esponenti. Dan għaliex huwa improbabbli ferm illi uffiċċjal tal-pulizija iħalli barra dettal bħal dak mir-rapport tiegħu u mix-xiehda tiegħu sussegwenti.

Imiss issa li tiġi eżaminata x-xiehda ta' Clinton Mifsud, biex imbagħad din l-istess xiehda tiġi mqabbla max-xiehda ta' Maria Elena Mifsud.

Illi Clinton Mifsud xehed fit-3 ta' Jannar, 2013. Minn din l-ewwel depożizzjoni tiegħu, jirriżulta li dan ix-xhud sostna:

- li missieru wasal quddiem ir-residenza tiegħu, u beda jheddu li jekk ma jagħtihx lura l-apparat vidjografiku, kien se jkissirlu l-vann;
- li sakemm ix-xhud daħal ġewwa mill-gallarija, sema' xi daqqiet fuq il-vann, u niżel jiġri u sab lill-esponenti qed jagħti d-daqqiet fuq il-vann;
- li huwa ma rax lil missieru jagħti bil-ħadida;

- li l-esponenti xejjer daqqa bil-ħadida lejh, iżda x-xhud ma ħalliehx;
- li l-esponenti ta daqqa ta' ponn lil Maria Elena Mifsud.

Mid-depożizzjoni prinċipali ta' Clinton Mifsud weħidha, ukoll tirriżulta kontradizzjoni lampanti. Fil-waqt li l-istess xhud beda x-xiehda tiegħu jgħid li huwa, meta niżel isfel fit-triq, sab lil missieru jagħti fuq il-vann bil-ħadida, l-istess xhud jispiċċa l-istess depożizzjoni billi jgħid li huwa ma rax lil missieru, l-esponenti, jagħti bil-ħadida.

Illi kontradizzjonijiet bħal dawn huma nkwetanti ferm meta wieħed jiġi biex jiżen u japprezza t-testimonjanza ta' xhud partikolari. Għaliex wieħed irid dejjem iżomm f'moħħu li fejn ikun hemm il-verita', ma hemmx lok għal kontradizzjonijiet. Huwa minnu li xhud jista' forsi jitfixkel fuq dettalji dwar fatti li huma minimi fl-importanza tagħhom. Dan ma jfissirx neċessarjament li dak ix-xhud ikun qed jigdeb jew li jkun inkonsistenti. Madanakollu meta xhud ibiddel il-verżjoni tiegħu dwar il-fatt li jkun jikkostitwixxi il-punt kruċjali ta' kawża, mela allura l-loġika u r-raġuni jiddettaw li dubji serji u fondati għandhom jiġu sollevati fir-rigward ta' dik it-testimonjanza.

Meta wieħed imbagħad jgħaddi biex jeżamina d-depożizzjoni mogħtija minn Clinton Mifsud in kontro-eżami fl-udjenza tas-6 ta' Marzu, 2013, dak ix-xhud iddepona s-segwenti:

- li meta hu mar jieħu l-apparat vidjografiku mingħand l-investigatur privat, dan għamlu mingħajr ma ltaqa' ma reżistenza;
- li huwa qal lill-investigaturi privati li kienu fil-karozza li se jieħu l-*camera* u hu ħadha;
- li huwa ra lil missieru jagħti bil-kanna fuq il-vann tax-xhud;
- li meta huwa niżel isfel fit-triq, missieru kien diġa' ta fuq il-vann pero' hu ma rahx jagħti fuq il-vann;
- li ommu qalgħet daqqa ta' ponn mingħand l-esponenti appena niżlet;
- li hekk kif niżlet Tiziana Mifsud, l-esponenti prova jħebb għaliha;
- li lill-esponenti ħadd ma messu;
- li ma jafx jekk missieru kellux ġrieħi, pero' jaf li l-esponenti kellu ħwejjeġ imqattgħin;
- li lil missieru beda jżommu b'id waħda, filwaqt li bl-id l-oħra beda jipprova jeħodlu l-kanna;

- li missieru beda jżomm il-kanna b'żewġ idejn.

Illi anke din ix-xiehda turi li hemm numru ta' kontradizzjonijiet, kemm weħidha u kemm jekk meħudha flimkien max-xiehda ta' Maria Elena Mifsud, liema kontradizzjonijiet kellhom jimmilitaw favur l-esponenti. Ibda biex jingħad li Clinton Mifsud, għal darb'oħra jerġa' jikkontradixxi lilu nnifsu dwar jekk ra jew ma rax lil missieru jagħti fuq il-vann. Jibda biex iwieġeb fl-affermattiv, u jispiċċa billi jikkonferma li ma ra lil missieru jagħti l-ebda daqqa.

Skont Clinton Mifsud, Maria Elena Mifsud qalgħet daqqa ta' ponn appena tfaċċat fit-triq. Min-naħa l-oħra, Maria Elena Mifsud stqarret li hija qalgħet id-daqqa ta' ponn wara li provat tgħin lil binha jieħu l-ħadida mingħand l-esponenti. Dwar din l-għajnuna da parti ta' ommu, ix-xhud Clinton Mifsud ma qal xejn, fl-ebda parti mid-depożizzjoni tiegħu.

Bl-istess mod, lanqas ma jaqblu Clinton Mifsud u Maria Elena Mifsud dwar x'ġara meta tfaċċat Tiziana Mifsud. Filwaqt li Maria Elena Mifsud xehdet li l-esponenti llimita ruħu li jgħajjar lil Tiziana Mifsud, Clinton Mifsud xehed li l-esponenti "ipprova" jħebb għall-istess Tiziana Mifsud. Hawnhekk ukoll għandna inkonsistenza fit-testimonjanza tax-xhieda Mifsud dwar fatt materjali, liema nkonsistenza trid bil-fors tiġi kkunsidrata fl-assjem ta' l-inkonsistenzi l-oħrajn diġa' rilevati.

Illi ta' min wieħed jinnota li fl-ebda parti mix-xiehda tiegħu ma jissemma' minn Clinton Mifsud l-intervent tar-raġel skonoxxut li dwaru tant insistiet ommu Maria Elena Mifsud. Dan is-silenzju da parti ta' Clinton Mifsud ma jistax ħlief juri biċ-ċar li dan ir-raġel misterjuż ma kien xejn għajr invenzjoni ta' Maria Elena Mifsud.

In oltre, kien ukoll daqstant ieħor silenzjuż l-imsemmi Clinton Mifsud meta, in kontro-eżami, kien mistoqsi kif ġara li missieru kellu l-ħwejjeġ imqattgħin.

Illi fl-aħħar nett, trid tiġi eżaminata wkoll ix-xiehda ta' Tiziana Mifsud. Hija xehdet l-ewwel darba fid-29 ta' Novembru, 2012[6], fejn qalet:

- li hija kienet ġewwa r-residenza tagħha meta semgħet ħafna għajjat minn barra, u rat lil żewġha jinżel isfel jiġri;
- li Maria Elena Mifsud daħlet ġewwa u talbitha ċċempel lill-Pulizija;
- li f'salt wieħed semgħet daqqa, u ħarset mill-gallarija u rat lill-esponenti jaqsam it-triq lejn in-naħa tal-vann tagħhom;
- li rat lill-esponenti b'kanna f'idejh u ratu jagħti daqqa fuq il-vann tagħhom;
- li kien f'dak il-ħin li hija ċemplet l-għassa;
- li wara li ċemplet l-għassa niżlet ħdejhom fit-triq;
- li hekk kif lemaħha, l-esponenti "*kien ħa jħebb għalija wkoll*";
- li mbagħad bdew jimbuttaw u hi spiċċat qatgħet ligament f'idejha;
- li l-esponenti nsulentaha u għajjarha;
- li hija issubiet ġrieħi, kif jidher miċ-ċertifikat eżebit bħala "Dok CF4" a folio 45.

Fil-kontro-eżami tagħha, li sar fl-udjenza tat-12 ta' Frar, 2013, l-istess Tiziana Mifsud qalet:

- li rat lill-esponenti jagħti fuq il-vann;
- li meta ngħatat l-ewwel daqqa, hija kienet ġewwa;
- li hija kienet fil-gallarija u rat lill-esponenti jagħti l-ewwel daqqa;
- li sakemm niżel żewġha kienet diġa' ngħatat l-ewwel daqqa;
- li l-esponenti prova jħebb għaliha;
- li żewġha u l-esponenti bdew jimbuttaw u jiġġieldu;
- li hi u Maria Elena Mifsud ippruvaw iferrqu lill-esponenti u lil Clinton Mifsud;
- li waqaf raġel skonoxxut u ħa l-ħadida minn idejn l-esponenti qabel ma waslu l-pulizija.

---

6 A folio 70 tal-proċess.

Illi meħuda fl-assjem tagħha, x-xiehda ta' Tiziana Mifsud ukoll ma hijiex kredibbli. Ibda biex jingħad li l-imsemmija Tiziana Mifsud, fl-istess depożizzjonijiet tagħha, daqqa tgħid li hi kienet ġewwa u l-ewwel daqqa allegatament mogħtija mill-esponenti semgħatha biss, u daqqa tgħid li hija rat b'għajnejha l-ewwel daqqa tingħata. Fl-ewwel depożizzjoni tagħha, saħansitra tgħid din ix-xhud li wara li semgħet l-ewwel daqqa, hija rat lill-esponenti jiġri lejn il-karozza tagħhom, bl-implikazzjoni ovvja tkun li skont Tiziana Mifsud, l-esponenti lanqas kien qrib il-karozza ta' Clinton Mifsud!

Illi Tiziana Mifsud tilmenta li qatgħet ligament f'idejha. Pero' ċ-ċertifikat mediku li jirrigwarda lilha ma jsemmi xejn dwar dan, u jsemmi biss grif fuq idejha.

Illi fix-xiehda tagħha, Tiziana Mifsud ma ssemmi xejn dwar id-daqqa ta' ponn li allegatament ingħatat mill-esponenti lil zewgha.

Illi fl-aħħar nett, fil-kontro-eżami ta' Tiziana Mifsud insibu l-ewwel referenza minn xhud ieħor għar-raġel skonoxxut li allegatament ħa l-ħadida mingħand l-esponenti. Pero' din ir-referenza saret biss fil-kontro-eżami ta' Tiziana Mifsud, u ċioe' wara li kemm hi u kemm Maria Elena Mifsud kienu diġa' ddeponew. Wieħed neċessarjament jistaqsi għalfejn Tiziana Mifsud ma semmiet xejn qabel dwar dan ir-raġel, u l-implikazzjoni hija li fis-sew, Tiziana Mifsud semmiet lil dan ir-raġel fil-kontro-eżami biss sabiex tikkorrabora l-fabrikazzjoni ta' Maria Elena Mifsud.

Illi meta wieħed jiġi biex iqis ix-xiehda kollha mogħtija mix-xhieda Mifsud, ma jistax ħlief jinnota l-inkonsistenzi kollha hawn fuq rilevati. Pero' hemm ukoll fatturi oħrajn li jattakkaw il-verosimiljanza tal-verżjoni ta' dawn ix-xhieda.

Ibda biex tgħid li skont Maria Elena Mifsud, u skont din ix-xhud biss għax ħadd mix-xiehda l-oħra ma jsemmi xejn, l-esponenti ġab il-ħadida in kwistjoni mill-bagoll tiegħu. Din il-ħadida, li ġiet anke eżebita f'dawn l-atti, hija twila kważi ħames piedi. Kif qalet Maria Elena Mifsud stess, din il-ħadida hija twila kważi daqsha. Mela allura kif inhu possibbli li l-esponenti kien qed iġorr din il-ħadida, li in kwantu oġġett iebes, ma tistax tinġarr jekk mhux dritta u ma tistax tintlewa jew titgħawweġ, fil-bagoll tal-karozza tiegħu?

Jekk wieħed jieħu *per scontato* il-verżjonijiet tax-xhieda Mifsud, xorta waħda jibqa' b'numru ta' mistoqsijiet li ma jinsabux sodisfaċentement imwieġba bil-verżjoni mogħtija minn dawn ix-xhieda. Kif ġara li l-esponenti spiċċa soffra ġrieħi? Kif ġara li l-esponenti tqattgħulu l-ħwejjeġ? Skont l-imsemmija xhieda, ħadd ma mess lill-esponenti, anzi kien hu l-uniku aggressur. Min ra lill-esponenti jagħti d-daqqiet fuq il-vann? Kemm il-daqqa ingħatat? Kien hemm skontru fiżiku bejn l-esponenti u Clinton Mifsud? Ir-raġel li ħa l-ħadida jeżisti jew ma jeżistix? Dawn huma biss ftit mid-domandi li, minkejja x-xiehda ta' tlett persuni, jibqgħu bla tweġiba sodisfaċenti, u huwa proprju għalhekk li l-esponenti qiegħed jikkwerela l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza.

Illi meta wieħed jikkonsidra l-aspetti kollha ta' dan il-każ, umilment isostni l-esponenti, għandu jiġi konkluż li l-esponenti wera, fuq bażi ta' probabbilita', li l-affarijiet ġraw kif qal hu.

Huwa minnu li ma hemm l-ebda xhud ieħor li kkorrabora l-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-esponenti. Dan għaliex l-esponenti kien waħdu. Pero' ma jfissirx b'daqshekk li għax hemm tlett persuni, lkoll parentati, u bi storja ta' animosita' ma' l-esponenti[7], lesti jixhdu kontra l-verżjoni ta' l-esponenti, mela allura x-xiehda ta' l-esponenti għandha tiġi b'daqshekk skartata. Fuq kollox, il-korraborazzjoni ta' testimonjanza tista' tirriżulta minn fonti oħrajn, mhux biss mix-xiehda ta' persuna oħra.

Illi skont l-esponenti, huwa rċieva telefonata mingħand Oliver Abela, investigatur privat imqabbad minnu biex jistħarreġ lil martu. F'din it-telefonata, Oliver Abela nforma lill-esponenti biex jitlob lil ibnu jirritorna lura xi apparat li kien ħadilhom. L-imsemmi Oliver Abela fil-fatt għamel ċertu pressjoni fuq l-esponenti biex jagħmel dan, sabiex jiġi evitat li jiddaħħlu l-Pulizija fin-nofs. Ta' min wieħed jgħid li fil-preżenti, l-imsemmi Oliver Abela qiegħed mixli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli aġixxa ta' nvestigatur privat mingħajr id-debita liċenzja. Dan il-każ għadu *sub judice*.

---

[7] Skont l-awtur I.H. Dennis (The Law of Evidence, Sweet & Maxwell, 1999), *bias* ta' xhud hija fondament għall-impunjazzjoni tal-kredibilita' ta' dak ix-xhud (ara paġni 9 u 457).

Illi Joseph Mifsud fil-fatt mar fejn ir-residenza ta' ibnu u talbu jirritorna dan l-apparat. Hekk kif wasal, Maria Elena Mifsud, Clinton Mifsud u Tiziana Mifsud bdew jgħajtu miegħu, jinsulentawh u jgħidulu biex jitlaq. L-esponenti weġibhom li ma kienx ħa jitlaq mingħajr l-apparat. Għalhekk niżel Clinton Mifsud, u hu u l-esponenti baqgħu jargumentaw, kemm fuq ir-ritorn ta' l-apparat u kemm fuq kwistjonijiet oħrajn familjari li huma kellhom. Sa dan il-mument, l-esponenti u Clinton Mifsud baqgħu biss jargumentaw, u ma ġewx fl-idejn. L-inkwiet, jgħid l-esponenti, beda meta niżlu fit-triq Maria Elena Mifsud u Tiziana Mifsud. L-esponenti jgħid li kien f'dan il-mument li feġġet il-ħadida in kwistjoni. L-esponenti jsostni li Maria Elena Mifsud u Tiziana Mifsud niżlu biex jiġġieldu miegħu, u kien għalhekk li Clinton Mifsud żamm lill-esponenti billi għamillu l-ħadida fuq sidru filwaqt li hu kien wara l-esponenti, bl-intenzjoni li l-esponenti jinżamm ħalli ma jħebbx għan-nisa. Hekk kif rawh miżmum, in-nisa Mifsud aggredew lill-esponenti, tant li spiċċa bi ħwejġu mqattgħin u bil-ġrieħi. Sakemm kien miżmum, l-esponenti beda jipprova jiddefendi ruħu billi jxejjer idejh, u fil-fatt stqarr li huwa laqat lil xi ħadd meta kien qed jagħmel dan, pero' bl-iskop waħdieni li jiddefendi ruħu. Hekk kif ġew il-pulizija, Clinton Mifsud telaq lil missieru.

Illi l-verżjoni ta' l-esponenti hija korraborata kemm mill-verosimilitudni tagħha, u kemm minn provi oħrajn ċirkostanzjali, kif se jissemma fil-paragrafi li ġejjin.

Illi l-verosimilitudni hija favur il-verżjoni ta' l-esponenti. Mill-provi rriżulta inkontestat li l-inċident mertu ta' din il-kawża seħħ inqas minn siegħa wara li Clinton Mifsud, armat b'lembuba, ħebb għall-investigaturi privati u, wara ħafna theddid u wara li saħansitra ħadilhom iċ-ċwievet tal-karozza, ħadilhom ukoll l-apparat vidjografiku[8]. B'dan kollu, Clinton Mifsud għarraf ukoll lil ommu Maria Elena Mifsud.

Dan il-fatt, għalkemm mhux il-mertu ta' l-akkużi dedotti kontra l-esponenti, huwa ta' mportanza kbira ferm, għaliex kien l-ewwel fatt minn sensiela ta' fatti li wasslu għal dan il-każ. Għaliex wara li Clinton Mifsud u Maria Elena Mifsud kienu għadhom kif saru jafu li l-esponenti, tajjeb

---

[8] Ara x-xiehda ta' Oliver Abela mogħtija fl-udjenza tas-27 ta' Ġunju 2013.

jew ħażin, kien qabbad persuni biex isegwuhom, huwa ferm u ferm aktar verosimili li jkunu huma rrabjati għall-esponenti milli huwa verosimili li kien l-esponenti li kien irrabjat għalihom.

U kien f'dan il-mument tar-rabja ta' Clinton Mifsud u ommu Maria Elena Mifsud li l-esponenti mar jitlobhom jirritornaw l-affarijiet li ħadu mingħand l-investigatur privat. Hekk kif Clinton Mifsud u Maria Elena Mifsud ġew rinfaċċjati bl-oġġett tar-rabja tagħhom, il-verosimilitudni tiddetta li kwalsiasi aggressjoni konsegwenzjali kellha tiġi min-naħa tagħhom.

Illi fix-xiehda tiegħu, l-esponenti semma' li l-ħadida in kwistjoni la ġabha hu, u lanqas ġabha ibnu. L-esponenti kien insistenti li ibnu fl-ebda ħin ma aggredih fiżikament, u li l-iskontru li kellu miegħu, almenu sal-mument li tfaċċaw in-nisa Mifsud, kien wieħed biss verbali. Wieħed jistaqsi, għaliex l-esponenti kellu tant jinsisti dwar dan il-fatt, meta kien ikun ferm u ferm eħfef għalih li jitfa' l-ħtija ta' kollox fuq l-istess ibnu?

Illi anke l-ġrieħi li ġew riskontrati mill-persuni nvoluti huma konsistenti ma' dak li xehed l-esponenti, u li ċioe' effettivament kien hemm forma ta' rissa. Ibda biex tgħid li ċ-ċertifikati eżebiti[9] dwar Tiziana Mifsud u Maria Elena Mifsud huma perfettament kompatibbli ma' dan kollu, billi ma jindikaw xejn ħlief grif u tbenġil. L-uġiegħ lamentat fil-widna ta' Maria Elena Mifsud jista' faċilment ikun fabbrikat, kif inhi fabbrikata il-parti l-kbira tax-xiehda tagħha, jekk mhux kollha, u dan għaliex dak li jissemma' fiċ-ċertifikat huwa l-ilment ta' l-uġiegħ, filwaqt li ma jingħad xejn dwar xi konstatazzjoni medika oħra li taċċerta l-eżistenza tiegħu. In oltre, minkejja li fl-imsemmi ċertifikat mediku jingħad li Maria Elena Mifsud intbagħtet tagħmel eżamijiet mediċi oħrajn, ma tressqet l-ebda prova oħra biex jiġi korraborat l-ilment tagħha ta' nuqqas ta' smiegħ f'widnejha.

Illi min-naħa l-oħra, ġie eżebit ukoll iċ-ċertifikat mediku li jirrigwarda l-esponenti. Dan iċ-ċertifikat fil-fatt jindika, *inter alia,* li l-esponenti kellu marki ta' linji ħomor fuq sidru kollu, u dan fil-fatt huwa konsistenti mal-moviment fiżiku deskritt mill-istess esponenti meta Clinton Mifsud żammu bil-ħadida.

---

[9] A folio 45 u 46 tal-proċess.

Illi barra minn hekk, l-esponenti kien dejjem konsistenti f'dak li sostna, kemm meta xehed quddiem il-Qorti u kemm fl-istqarrija li huwa rrilaxxa *a tempo vergine* ta' l-inċident.

Illi għalhekk, fid-dawl tal-premess kollu, hemm raġunijiet impellenti sabiex l-apprezzament tal-provi magħmul fl-ewwel istanza jiġi disturbat, u sabiex l-apprezzament mill-ġdid tal-provi jwassal għal-liberatorja ta' l-esponenti mill-akkużi li dwarhom huwa nstab ħati.

Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-premess, it-tieni aggravju ta' l-esponenti wkoll huwa ċar u manifest, in kwantu l-piena erogata mill-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza hija waħda eċċessiva fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ.

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza mponiet piena ta' sitt xhur priġunerija effettivi fuq l-esponenti. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza kienu li l-esponenti għandu fedina penali refrattarja, u kif ukoll li r-reati in kwistjoni ġew perpetrati fil-konfront ta' persuni li l-esponenti kien tenut li jipproteġi.

Illi b'kull dovut rispett, din il-piena hija waħda eċċessiva, anke għaliex ir-riflessjonijiet magħmulin mill-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza huma bażati fuq fondamenti li fil-verita' huma differenti ferm minn dawk li ġew premessi fis-sentenza appellata.

Illi għalkemm huwa minnu li l-fedina penali ta' l-esponenti ma hijiex waħda netta, eżami akkurat tagħha juri li l-kundanni mogħtija kontra l-esponenti fil-passat kienu jirrigwardaw kontravvenzjonijiet li fil-maġġor parti tagħhom kienu jikkunċernaw nuqqas ta' ħlas puntwali ta' manteniment, jew inkella li aġixxa bħala bejjiegħ mingħajr id-debiti liċenzji. Dan kollu jindika li l-esponenti m'huwiex persuna vjolenti, jew persuna li faċilment jirrikorri għall-vjolenza, għaliex kieku kien hekk, ċertament li l-esponenti, li llum għandu 58 sena, kien ikollu inċidenti oħrajn qabel dak mertu ta' dan il-proċediment.

Illi l-esponenti jaqbel ma' dak osservat mill-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza, fis-sens illi huwa minnu li kull persuna huwa tenut li jagħti protezzjoni lill-membri tal-familja tiegħu.

Madanakollu, l-inċident li wassal għal din il-kawża ma kienx wieħed li jinvolvi xi forma ta' aggressjoni malinja jew nefasta, immexxija minn intenzjoni noċiva versu xi membru tal-familja. Kieku kien hekk, kienet tagħmel ħafna sens il-konsiderazzjoni żvolta mill-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza. Imma fil-verita', dak li ġara f'dan il-każ kien illi kien hemm argument li eskala. Il-provi juru fil-fatt illi anke l-esponenti safa aggredit, tant li kellu ħwejġu mqatta', u fil-fatt, kif suespost ukoll, Clinton Mifsud stess qabel illi l-eskalazzjoni ta' l-argument seħħet hekk kif niżlet ommu Maria Elena Mifsud isfel fit-triq. Sakemm l-esponenti kien ma' ibnu Clinton Mifsud, ma kien hemm l-ebda konfront fiżiku.

Illi l-premess juri li l-mertu ta' din il-kawża ma huwa xejn għajr inċident iżolat. L-esponenti huwa ta' l-umli fehma illi l-piena karċerarja effettiva għandha tkun imposta lejn dawk il-membri tas-soċjeta' li jaħsbu li s-saħħa tagħti d-dritt. Pero' l-esponenti ma huwiex wieħed minn dawk il-persuni, u għalhekk, fl-umli fehma tiegħu, ikun ferm aktar idonju li fil-każ tiegħu ikun hemm temperament fil-piena.

<u>Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-premess, it-tielet aggravju ta' l-esponenti wkoll huwa ċar u manifest, billi l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza ma setgħetx torbot lill-esponenti b'ordni jew direttiva ai termini ta' l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali ġaladarba kontestwalment ma tagħtix ukoll ordni ta' sentenza sospiża ai termini ta' l-artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali</u>.

Illi kif diġa' ingħad, l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza ikkundannat lill-esponenti għall-piena ta' sitt xhur priġunerija effettivi. Dan huwa fil-fatt, il-mertu tat-tieni aggravju, supra riportat.

Illi madanakollu, l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza ma waqfitx hemm, u kompliet biex wettqet ordni fil-konfront ta' l-esponenti ai termini ta' l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali.

Illi d-diċitura adoperata mil-leġislatur fl-artikolu 28H jagħmilha ċara li tali ordni, kif kontemplat f'dik id-disposizzjoni, jista' jingħata biss jekk kemm-il darba l-Qorti kontestwalment tagħti ordni ta' sentenza sospiża fl-istess sentenza. F'dan is-sens allura, l-ordni kkontemplat fl-artikolu 28H ma jistax ikollu ħajja indipendenti jew awtonoma minn ordni li permezz tiegħu piena karċerarja tiġi sospiża. Għalhekk, la darba l-Onorabbli Qorti ta' l-ewwel istanza ħasset li ma kellhiex

tissospendi l-piena komminata fil-konfront ta’ l-esponenti, ma setgħetx imbagħad tippronunzja ordni li ma jistax jeżisti mingħajr sentenza sospiża.

Illi naturalment, jekk dina l-Onorabbli Qorti, fit-trattazzjoni tagħha tat-tieni aggravju, tħoss li jkun opportun li tadopera l-artikolu 28A fil-konfront ta’ l-esponenti, l-aggravju in diżamina jista’ jsir biss akkademiku, għaliex bis-sospensjoni tal-piena dejjem ikun hemm lok għall-applikazzjoni ta’ l-artikolu 28H.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-14 ta’ Frar, 2014.

***Rigward l-ewwel aggravju tal-appellant***

Illi fl-ewwel lok l-appellant qed jattakka l-kredibilita’ tax-xhieda Maria Elena Mifsud, Tiziana Mifsud u Clinton Mifsud. Dawn ix-xhieda pero' xehdu b’mod konsistenti u ħafna mill-affarjiet li qalu huma korroborati mix-xhieda tal-imputat stess. L-ewwel xhud li jsemmi l-appellant hi Maria Elena Mifsud, fejn hi kienet xehdet li waqt li kienet qed tissara mal-appellant flimkien mat-tifel tagħha, hi qalat daqqa ta’ ponn mingħand l-istess appellant li f’ħin minnhom qalet li qabadha minn dirgħajha. Dan il-fatt **qatt** ma ġie kontestat mill-appellant, fejn infatti kien hu stess li xehed (a fol 98 tal-proċess) li: *“Jien naturalment meta kont qed niġi miżmum mit-tifel bil-pajp jien bdejt inxejjer bl-idejn*[10] *fil-fatt jista’ jkun li meta bdejt nimbotta li lqat lil-mara u l-mara tat-tifel…”* Din ix-xhieda in effetti tikkorrobora dak li qalet Maria Elena Mifsud u li l-appellant ikkwota f’paġna 8 tar-rikors tal-appell tiegħu u cioe’ li:

1. L-appellant ta’ daqqa lil-mara tiegħu, u
2. Li kien qed juża idejh sabiex *ixejjer* daqqiet lejn Maria Elena u Tiziana Mifsud.

Għalhekk huwa ċar daqs il-kristall li l-appellant stess qed jikkonferma dak li qalet Maria Elena Mifsud. Huwa l-appellant innifsu li qed jikkontradixxi dak li qal hu stess meta xehed dan fid-9 ta’ April, 2013 u issa fir-rikors tal-Appell qed isostni li ma jistax ikun li ġara hekk.

---

[10] U hawnhekk l-appellant qed jirreferi għall *idejn* u mhux id, iġifieri fil-plural.

Ġejna f'sitwazzjoni fejn l-appellant qed isostni l-kuntrarju għal dak li xehed taħt ġurament fl-Ewwel Qorti.

Illi kemm Maria Elena Mifsud, kif ukoll Tiziana Mifsud xehdu li l-ħadida ittieħdet minn raġel li ma ġiex identifikat u li sussegwentement rema' din il-ħadida wara l-iskip taħt ċint. Dan xehduh fid-depożizzjoni tad-29 ta' Novembru, 2012[11] u fil-kontro-eżami tat-12 ta' Frar, 2013[12] rispettivament. Għalhekk ma jreġix dak li qed jallega l-appellant u cioe' li dan ir-raġel kien fabrikazzjoni ta' Maria Elena Mifsud, ġaladarba din sabet ukoll riskontru fix-xhieda ta' Tiziana Mifsud u l-appellant qatt ma forna xi verżjoni differenti jew li tgiddeb dak li qalu dawn ix-xhieda. L-appellant qatt ma qal x'sar minnha l-ħadida jew x'ġara meta ittidieħdet minn idejh. Infatti kien ukoll pjuttost silenzjuż fuq kif ġiet fil-post il-ħadida, filwaqt li sostna li ma kienx hu jew ibnu Clinton Mifsud li ġabu l-ħadida, ma jispeċifikax min ġabha jew għallinqas min tajilhom din il-ħadida. L-appellant infatti jgħid:

> *"Naf ukoll li in segwitu feġġet ħadida speċi ta' pajp twila, pero' nikkonferma li din ma ġabhiex it-tifel, dan kien pajp tal-istainless steel. Mistoqsi x'tifhem bil-kelma feġġet ngħid li waqt li jiena kont qed nargumenta mat-tifel sibt din il-ħadida madwar qaddi…"*[13]

L-appellant konvenjentement ma jgħidx kif ġiet fil-post din il-ħadida u sempliċiment isostni li din *feġġet* fil-post, bħal li kieku din kienet xi apparizzjoni maġika. A kuntrarju ix-xhieda l-oħra f'kor wieħed isostnu li kien l-appellant stess li ħareġ il-ħadida mill-vettura tiegħu. Iktar il-quddiem fix-xhieda tiegħu l-appellant jagħti verżjoni tal-fatti li ma taqbilx ma dak li kien xehed is-surġent 1157 Bertly Aquilina fid-29 ta' Novembru, 2012[14]. Is-surġent qal li malli wasal fuq il-post sab lil-appellant u lil-Clinton Mifsud imqabdin f'xulxien. Hawnhekk

---

[11] A fol 69 tal-proċess.

[12] A fol 89 tal-proċess.

[13] A fol 97 tal-proċess.

[14] A fol 60 tal-proċess.

is-surġent ma jgħidx li kienu qed jitqabdu b'xi ħadida iżda jgħid li sakemm kien qed jifridhom ħarġet Maria Elena Mifsud b'kanna tal-ħadid li ġabret minn fejn l'iskips. Jiġifieri dan juri li kif wasal fuq il-post is-surġent, il-ħadida ma kienitx f'idejn l-appellant jew t-tifel tiegħu Clinton Mifsud. Din ix-xhieda tas-surġent allura issaħħaħ u tikkorrabora l-verżjoni tal-fatti kif esposti minn Maria u Tiziana Mifsud. Minn naħa l-oħra, l-appellant fix-xhieda tiegħu tad-9 t'April, 2013 igħid li meta wasal s-surġent Berthly Aquilina fuq il-post, t-tifel tiegħu kien għadu qed iżommu bil-ħadida:

> *"Meta waslu l-Pulizija naf li t-tifel tiegħi reħieni u telaq il-kanna minn miegħi. Il-Pulizija naħseb li kien surġent li ġie fuq il-post beda jistaqsieni x'ġara…"*[15]

Din il-verżjoni tal-appellant tikkuntrasta b'mod lampanti ma' dak li xehdu x-xhieda l-oħra. Allura possibbli li l-appellant biss qed jgħid il-verita' u li x-xhieda l-oħra kollha nkluż is-surġent Bertly Aquilina qed igħidu ħwejjeġ li huma fabbrikati jew inverosimili? Anzi bil-maqlub, hija l-verżjoni li forna l-istess appellant li hija inverosimili u mimlija toqob kbar bħal, per eżempju, li ma jafx kif il-kanna ġiet fuq il-post jew li ma jafx kif il-karrozza ta' Clinton Mifsud spiċċat mibruxa u bid-daqqiet[16]. Ma jafx dawn l-affarjiet kollha meta hu kien il-ħin kollhu preżenti fuq il-post bħax-xhieda l-oħra. Ix-xhieda l-oħra kollha taw l-istess verżjoni kredibbli. Il-fatt ukoll li dak li qal l-imputat ma jaqbilx max-xhieda li forna s-surġent tkompli turi li l-verżjoni tal-appellant ma tistax tiġi meqjusa kredibbli.

Iktar minn hekk pero' l-appellant igħid ukoll li l-istess surġent Bertly Aquilina rah il-pajp ma qadd l-appellant:
*"Mistoqsi jekk huwiex minnu u nikkonferma li effettivament it-tifel poġġa l-pajp ma qaddi ngħid li iva u nikkonferma ukoll li l-Pulizija rah il-pajp ma qaddi."*[17]

---

[15] A fol 97 tal-proċess.

[16] A fol 97 tal-proċess.

[17] A fol 98 tal-proċess.

Din il-verżjoni tal-appellant ma ssib ebda riskontru fix-xhieda tas-surġent. Is-surġent fil-kontro-eżami infatti jgħid:

*"Mistoqsi minn fejn ħarġet Maria Elena, ngħid li meta jien wasalt fuq il-post kienu kollha madwar xulxien, pero naf li f'xi ħin Maria Elena infirdet minn magħna u marret ħdejn skip u ġabret il-kanna li hawn ezebieta l-Qorti mmarkata bħala dokument CF."*[18]

Għalhekk ma jistax ikun li din il-kanna tal-ħadid kienet f'żewġ postijiet differenti fl-istess ħin kif qed isostni l-appellant. Is-surġent ikkonferma li l-ħadida ġabitha Maria Elena minn wara l-iskip u ma kienitx f'dak il-ħin f'idejn l-appellant jew it-tifel tiegħu Clinton. Saħansitra fid-depożizzjoni tiegħu a fol 97 l-appellant jgħid ukoll li kien propju s-surġent Bertly Aquilina li qal lil Maria Elena Mifsud biex tmur iġġib il-pajp minn wara l'iskips. Din pero' ma ssib l-ebda riskontru fid-depożizzjoni tas-surġent fejn jgħid li Maria Elena Mifsud ġabet il-ħadida minn jedda u mhux għax kien ordnala hu. Din tkompli turi l-inkonsistenza tal-appellant fejn dak li qal ma jsibx riskontru fix-xhieda u l-provi l-oħra.

L-appellant qed jipprova ukoll iqajjem dubji rigward it-testimonjanza ta' Clinton Mifsud. Dan ix-xhud fid-depożizzjoni tiegħu tat-3 ta' Jannar, 2013[19], igħid illi meta kien għadu ġewwa d-dar sema lil missieru jgħajjat u beda ukoll jisma' xi daqqiet u meta niżel barra sab lil-appellant jagħti fuq il-van. Huwa wkoll minnhu li fl-aħħar tad-depożizzjoni tiegħu qal li ma rax lil Joseph Mifsud jagħti bil-ħadida. Hawnhekk wieħed irid iqis li x-xhieda ma jistgħux ikunu mistennija li jagħtu rendikont tal-fatti akkurat mija fil mija b'mod kliniku u mingħajr l-ebda żball u dan minħabba li l-perċezzjonijiet tax-xhud setgħu ġew affettwati mill-kommozzjoni ta' dak il-mument bħal emozzjonijiet ta' rabja, xokk, eċċetera kif ukoll id-dekors taż-żmien li jista' ftit jew wisq iċajpar il-memorja tax-xhud. Għalhekk biex jiġi stabbilit jekk xhud kienx konsistenti jew le, wieħed irid jara jekk isibx riskontru ta' dak li qal ix-xhud fil-provi l-oħra. F'kelma waħda, jekk dik ix-xhieda hix korroborata.

Ix-xhieda l-oħra cioe' Maria Elena Mifsud u Tiziana Mifsud 'lkoll ikkonfermaw fid-depożizzjonijiet tagħhom li raw lill-appellant jagħti bil-ħadida fuq il-van ta' Clinton Mifsud.

---

[18] A fol 61 tal-proċess.

[19] A fol 78 tal-proċess

Għalhekk il-verżjoni ta' Clinton Mifsud li sema l-appellant jagħti d-daqqiet fuq il-van tiegħu hija ben korroborata mid-depożizzjoni ta' ommu u tal-mara tiegħu li mhux biss semghu iżda ukoll raw lill-appellant jagħti d-daqqiet fuq il-van odjern. Ma jfissirx li għax ix-xhud segħta żbalja xi dettall allura awtomatikament ix-xhieda kollha tiegħu hija nkonsistenti. L-inkonsistenza ta' xhud toħroġ se mai meta ma jkunx hemm riskontru ta' dak li qed isostni l-istess xhud fil-provi l-oħra.

Inoltre, l-appellant qed jipprova jsostni ukoll li d-depożizzjonijiet ta' Maria Elena Mifsud, Clinton Mifsud u Tiziana Mifsud huma nkonsistenti meta mqabbla ma xulxin. Dan assolutament mhux minnu meta t-tlieta li huma jaqblu fuq il-fatt li Maria Elena Mifsud qalgħat daqqa fuq wiċċa mingħand l-appellant. L-appellant anki hawnhekk qed jipprova jdaħħal dubju li din id-daqqa segħtat kienet fabbrikata minn Maria Elena Mifsud stess u li b'konsegwenza kellha nuqqas ta' smigħ temporanju. Li hu ċert pero' hu li dan il-fatt li Maria Elena Mifsud qalgħat daqqa fuq wiċċa huwa ben korroborat mix-xhieda l-oħra. Infatti anki s-surġent Bertly Aquilina fix-xhieda tiegħu jikkonferma li ra l-ħmura fuq wiċċ Maria Elena Mifsud. Ma naħsibx li s-surġent ukoll allura ser nakkużawh b'fabrikazzjoni tal-fatti.

L-appellant qed jipprova joħloq inkonsistenzi fejn m'hemmx fix-xhieda ta' Tiziana Mifsud. Fl-ewwel depożizzjoni tagħha tad-29 ta' Novembru, 2012[20], Tiziana tgħid li semghet daqqa u kif ħarset mill-gallarija rat lil-appellant bil-ħadida f'idu jaqsam t-triq u jagħti daqqa fuq il-van ta' Clinton Mifsud. Din hija konsistenti mal-verżjoni tal-fatti kif rakkontata mix-xhieda l-oħra għar-raġuni li nfatti fid-depożizzjoni tagħha Maria Elena Mifsud qalet li l-appellant fetaħ il-bagoll tal-karrozza tiegħu, ħareġ ħadida u ta żewġ daqqiet fuq il-karrozza tiegħu stess. Illi ukoll Clinton Mifsud fix-xhieda tiegħu tas-6 ta' Marzu, 2013[21] jgħid li ra lill-appellant jagħti bil-kanna fuq il-vettura tiegħu stess. Fil-kontro-eżami tagħha tat-12 ta' Frar, 2012, Tiziana Mifsud tgħid dan li ġej:

---

[20] A fol 70 tal-proċess.

[21] A fol 93 tal-proċess.

*"Jien kont ġewwa u smajt l-ewwel daqqa. Ngħid li jiena rajtu jagħti l-ewwel daqqa waqt li kont fil-gallarija u imbagħad dħalt ġewwa biex inċempel l-għassa."*[22]

Huwa evidenti minn din id-depożizzjoni li Tiziana Mifsud semgħat l-ewwel daqqa, ħarġet fil-gallarija u meta l-appellant ta' d-daqqa sussegwenti hija ratu jagħti dik id-daqqa. Cioe' li għaliha dik kienet l-ewwel daqqa li kienet rat u mhux neċessarjament l-ewwel daqqa li ta l-appellant. Huwa nkonċepibbli li xhud se jagħti żewġ verżjonijiet tal-istess fatt fl-istess sentenza! Meta wieħed jaqra sew id-depożizzjoni tagħha joħroġ b'mod ċar li Tiziana Mifsud hekk riedet tfisser.

Fl-aħħar l-appellant iridna ma nemmnux lix-xhieda l-oħra kollha, fil-waqt li għandha titwemmen ix-xhieda tiegħu biss u d-depożizzjonijiet l-oħra għandhom jiġu mwarba. Huwa evidenti li meta wieħed jeżamina l-provi li nġabu f'dan il-proċess li x-xhieda ta' Maria Elena Mifsud, Clinton Mifsud u Tiziana Mifsud huma korroborati mhux biss bejniethom, iżda jsibu ukoll riskontru fix-xhieda tas-surġent Bertly Aquilina, fil-waqt li x-xhieda tal-appellant mhix korroborata mill-ebda xhud ieħor. L-Ewwel Onorabbli Qorti wieżnet dawn il-provi preżentati u waslet għal ċertezza morali ta' kif seħħew l-eventi f'dan il-każ u sabet lill-imputat ħati tal-akkużi wieħed, tnejn, tlieta, il-ħames u s-seba' akkużi.

***Rigward it-tieni aggravju tal-appellant***

Illi jirriżulta li f'dan il-każ l-piena li nfliġġiet l-Ewwel Onorabbli Qorti u cioe' piena karċerarja effettiva ta' sitt (6) xhur, hija fil-parametri tal-liġi u infatti hawn l-esponent jixtieq iżid ukoll li l-Qorti ma' applikatx il-massimu tal-piena li segħtat tagħti f'dan il-każ u cioe' sa sena priġunerija effettiva. L-Ewwel Qorti kellha s-segħta li tinfliġġi tali piena ladarba din tinkwadra fil-parametri li tagħti l-liġi stess. Huwa prinċipju ormai stabbilit li

---

[22] A fol 89 tal-proċess.

ladarba l-piena nflitta fuq l-appellant tinsab entro l-limiti dettati mil-liġi, allura huwa ndesiderabbli li l-Qorti superjuri tvarja d-diskrezzjoni li kellha l-ewwel Qorti skont l-liġi.

Ġaladarba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti kienet fil-limiti li pprefissat l-liġi, allura din m'għandix tiġi varjata jew saħansitra mxejna minħabba l-fatt li l-appellant qed iħoss li l-piena hija eċċessiva. Dan il-prinċipju li ormai huwa ben stabbilit kien ġie kristallizzat fis-sentenza fil-każ il-**Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar, 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell narament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*[23]

Il-piena li infliġġiet l-Ewwel Qorti ċertament ma kienitx waħda eċċessiva, anki minħabba l-fatt li l-Qorti ma marritx għal massimu tal-piena permessa mil-liġi u li l-Qorti segħtat fid-diskrezzjoni tagħha infliġġiet. Irid jingħad ukoll li meta l-Ewwel Qorti kkunsidrat l-piena li ser tinfliġġi fuq l-appellant qieset ukoll l-fatt li r-reati in kwistjoni ġew perpetrati mill-appellant kontra membri tal-familja tiegħu, liema membri li suppost kellu jipproteġi, kif ukoll il-fedina penali tal-appellant li hija pjuttost refrattarja.

Għalhekk id-diskrezzjoni li l-ewwel Qorti applikat meta infliġġiet il-piena hija fil-limiti tal-liġi, iktar minn hekk ma ngħatax il-massimu tal-piena u meta tqis iċ-ċirkostanzi ma kienitx piena ħarxa wisq jew għar minn hekk sproporzjonata.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

---

[23] Sottolinear / Enfasi ta' l-esponent.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti. Din il-Qorti fliet mill-gdid l-atti kollha ta' dan l-appell u minn ezami approfondit li hi ghgamlet taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti. Fil-fatt ma hemm xejn x'ticcensura fuq l-operat tal-ewwel Qorti li ghamlet ezami minuzzjuz tal-provi prodotti. Din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn terga tidhol fil-provi prodotti u ghalhekk dan l-aggravju tal-appellant ma jistax jigi milqugh.

Illi t-tieni u tielet aggravji tal-appellant jirrigwardaw il-piena erogata mill-ewwel Qorti u il-fatt li l-ewwel Qorti ma setghetx tapplika l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali in vista ta' piena ta' habs efeettiv.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li l-piena erogata mill-ewwel Qorti hi wahda fil-parametri tal-ligi. Madanakollu, hi tal-fehma li tenut kont tat-trapass taz-zmien u tal-fatt li dan kien incident izolat, temperament fil-piena ma kienx barra minn loku. Ghalhekk, dan l-aggravju ser jigi milqugh u mhux ser ikun hemm ebda htiega li t-tielet aggravju jigi nvestigat.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tichad l-appell ta' Joseph Mifsud fil-meritu u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena. Tilqa l-appell ta' Joseph Mifsud. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta ta' sitt xhur prigunerija u minflok wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tikkundanna lil Joseph Mifsud ghal piena ta' sitt xhur prigunerija liema piena hi sospiza ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum. L-appellant ghandu jhallas is-somma ta' tmenin mija u tmienja u sebghin euro u sitt centesimi (€878.06) danni a tenur tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali lil ibnu Clinton Mifsud fi zmien sitt xhur mil-lum.